**IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tlieta 6 ta' Diċembru, 2022**

**Talba numru 263/2022 SFJ**

**NOEL MUSCAT (ID 162758M)**

**vs.**

**SOLID TIMBER LTD (C-39660)**

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat fit-12 ta' Settembru, 2022 li permezz tagħha l-attur ippremetta u talab:

*Illi r-rikorrenti kien joffri servizzi professjonali fost l-oħrajn ta' accountant (bin-numru tal-VAT tiegħu MT11622530 hawn anness u mmarkat bħala NM001). liema servizzi kienu mogħtija lis-soċjetà intimata fuq ordni tagħhom stess hekk kif se jirriżulta mis-smigħ tal-kawża de quo u mill-istatement hawn anness u mmarkat bħala NM002.*

*Illi nonostante li s-soċjetà intimata kienet interpellata bonarjament sabiex jitħallas l-ammont pendenti l-istess soċjetà intimata xorta baqgħet inadempjenti (vide doc NM003)*

Għalhekk in vista tas-suepost ir-rikorrent jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal jogħġbu:

1. *Jiddikjara u jiddeċiedi li s-soċjetà intimata hija debitur tar-rikorrenti fis-somma ta' EUR3,138.90 (tlett elef, mija tminja u tletin ewro u disgħin ċenteżmu) rappreżentati servizzi mogħtija lis-soċjetà intimata fuq ordni tagħhom stess.*

2. *Tordna u tikkundanna lill-istess soċjetà intimata tħallas is-somma ta' EUR3,138.90 (tlett elef, mija tminja u tletin ewro u disgħin ċenteżmu) jew somma oħra verjuri:*

   *Bl-imgħaxxijiet u l- ispejjeż ta' dawn il-proċeduri u l-ittra legali (datata 2 ta' Settembru, 2022) kontra s-soċjetà intimata, li min issa r-rappreżentanti tal-istess huma inġunti għal subizzjoni.*

Ra li s-soċjetà konvenuta ma ġietx notifikata iżda li ġiet ppreżentata nota ġuramentata mill-Avukat Kathleen Mizzi għan-nom tas-soċjetà konvenuta li permezz tagħha ammettiet it-talbiet imressqin kontra l-istess soċjetà.

**<u>Deċide</u>**

Fid-dawl tal-fatt illi s-soċjetà konvenuta rreġistrat ammissjoni, l-istess Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talbiet kollha tal-attur u konsegwentament jikkundanna lis-soċjetà konvenuta jħallsu s-somma ta' EUR3,138.90 (tlett elef, mija tminja u tletin euro u disgħin ċenteżmu) bl-imgħax, liema mgħax għandu jiddekorri b'rata mhux ogħla mir-rata massima permessa skont il-liġi u dan mid-data tal-invoices rispettivi indikati a Fol 5 annessi mal-avviż sad-data tal-pagament effettiv.

It-Tribunal jikkundanna wkoll lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-attur l-ispejjeż kollha ta' din il-kawża illi jinkludi dik tal-ittra legali datata 2 ta' Settembru, 2022.

**Avv. Juliana Scerri Ferrante**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**